# IT-TLIETA U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA
# "JEKK TIBQGĦU SĦAĦ SAL-AĦĦAR ISSALVAW"

***Daħla:*** Fil-mixja tagħna wara Ġesù, insibu ruħna f'kunflitt mal-ideat u d-drawwiet tas-soċjetà li ngħixu fiha anki drawwiet reliġjużi. Minħabba dawn il-kunflitti, jinqala' ħafna nkwiet, tilwim, ġlied, piki u storbju. Imma l-fedeltà tagħna hi lejn Ġesù biss. Kollox għad jispiċċa – kollox! Dak li jibqa' hu r-rabta tagħna u l-ubbidjenza tagħna lejn l-Imgħallem u l-Mulej tagħna Ġesù. Nibdew diċ-ċelebrazzjoni billi nkantaw ...

***L-Ewwel Qari:*** Alla tagħna hu Alla li jħobb. Imma dejjem jibqa' Alla. Minnu għandna nisimgħu, minnu għandna nibżgħu. Hu dan li jżommna sodi fil-fidi sal-aħħar biex insalvaw. Nisimgħu.

***Responsorju tas-Salm:*** **Il-Mulej jagħmel ħaqq mill-popli.**

***It-Tieni Qari:*** Kulħadd jaf li għad jasal jum li fih immutu. Għalina li nemmnu fil-ħajja ta' dejjem, dan ifisser li għandna nagħtu eżempju ta' bżulija fix-xogħol tagħna ta' kuljum.

***Offertorju:****(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Ejjew noffru l-ħobż u l-inbid b'fidi soda li dawn se jsiru l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù li jsalvana. Waqt din l-offerta, inkantaw….

***Tqarbin:*** *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid)*
Bil-qima kollha nersqu biex nieħdu sehem minn din il-mejda Ewkaristika, li hi għalina l-qawwa divina biex ikollna l-ħajja ta' dejjem. Waqt li nersqu lejn l-artal, inkantaw...

***Ringrazzjament:*** *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
Irroddu ħajr lill-Mulej tal-ġid kollu li tana u talli f'Ibnu Ġesù mliena bit-tama tal-ħajja dejjiema. Nuru dan ir-ringrazzjament tagħna, billi flimkien ngħidu (jew) inkantaw….

***Kant tal-Għeluq…***